DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2009/19/KE

tat-12 ta' Marzu 2009

li temenda, għall-finijiet tal-adattament tagħha għall-progress tekniku, id-Direttiva tal-Kunsill 72/245/KEE li għandha x'taqsam mal-interferenza tar-radju (kompatibbiltà elettromanjetika) tal-vetturi

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (id-Direttiva Kwadru) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 39 (2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 72/245/KEE tal-20 ta' Ġunju 1972 li għandha x'taqsam mal-interferenza tar-radju (kompatibbiltà elettromanjetika) tal-vetturi [2] hija waħda mid-Direttivi separati fil-kuntest tal-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip KE stabbilita skont id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom [3]. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 70/156/KEE marbuta ma' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati għall-vetturi għalhekk japplikaw għad-Direttiva 76/245/KEE.

(2) Skont il-punt 3.2.9. tal-Anness I tad-Direttiva 72/245/KEE l-komponenti mibjugħa bħala tagħmir ta' wara l-bejgħ u maħsuba għal installazzjoni fil-vetturi bil-mutur ma għandhomx bżonn (jew ma jeħtiġux) approvazzjoni tat-tip jekk ma jkollhomx x'jaqsmu ma' funzjonijiet relatati mal-immunità. Huwa previst perjodu tranżitorju ta' erba' snin li jibda mit-3 ta' Diċembru 2004, li matulu servizz tekniku għandu jistabbilixxi jekk il-komponent li jrid jitqiegħed fis-suq huwiex marbut mal-immunità jew le u għandu joħroġ attestazzjoni skont l-eżempju muri fl-Anness III C. L-Istati Membri huma mitluba jirrappurtaw kull każ ta' ċaħda minħabba raġunijiet ta' sikurezza lill-Kummissjoni Ewropea. Din id-dispożizzjoni tirrikjedi li l-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, fuq il-bażi tal-esperjenza prattika b'dan ir-rekwiżit u fuq il-bażi tar-rapporti mressqa mill-Istati Membri, qabel it-tmiem tal-perjodu tranżitorju, jekk din l-attestazzjoni tkunx għadha meħtieġa flimkien mad-Dikjarazzjoni ta' Konformità.

(3) Kif stipulat fil-punt 3.2.9 tal-Anness I tad-Direttiva 72/245/KEE u wara li ġie kkunsidrat il-fatt li l-Kummissjoni Ewropea ma rċeviet l-ebda rapport mill-Istati Membri dwar każijiet ta' ċaħda ta' attestazzjoni, issa hu propost li jitneħħa l-involviment tas-servizz tekniku fil-każ ta' komponenti mibjugħa bħala tagħmir ta' wara l-bejgħ u maħsuba għal installazzjoni fil-vetturi bil-mutur, jekk ma jkollhomx x'jaqsmu ma' funzjonijiet relatati mal-immunità, u ma tkunx aktar meħtieġa l-attestazzjoni skont l-eżempju mogħti fl-Anness III C, kif stabbilit fil-punt 3.2.9 tal-Anness I.

(4) Id-Direttiva 72/245/KEE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Tekniku - Vetturi bil-Mutur,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 72/245/KEE hija emendata kif ġej:

(1) Fil-lista tal-Annessi qed titħassar ir-referenza li ġejja għall-Anness III C:

"ANNESS III C Mudell ta' attestazzjoni fir-rigward tal-Anness I, 3.2.9."

(2) Fl-Anness I, fil-punt 3.2.9, it-tieni subparagrafu qiegħed jitħassar;

(3) L-Anness III qiegħed jitħassar.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ottubru 2009, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

[1] ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.
[2] ĠU L 152, 6.7.1972, p. 15.
[3] ĠU L 42, 23.2.1970, p. 1.

Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mit-2 ta' Ottubru 2009.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 12 ta' Marzu 2009.

Għall-Kummissjoni

Günter VERHEUGEN

Viċi-President